**329. L-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Ryan Callus jipproponi:-**

Billi nhar id-29 ta' Marzu 2016, il-Gvern daħħal fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2016 dwar *Billboards* u Reklami permezz tal-Avviż Legali 103 tal-2016;

U billi jirriżulta li l-Avviż Legali 103 tal-2016 sar mingħajr ebda konsultazzjoni pubblika inkluż mal-operaturi fis-settur u mal-korpi kostitwiti li jirrappreżentaw lill-istess operaturi u lin-nies tan-negozju;

U billi fost oħrajn il-korpi kostitwiti ddeskrivew l-imsemmi Avviż Legali bħala wieħed li se jolqot b'mod gravi u dirett lill-membri li huma jirrappreżentaw u lmentaw li l-imsemmi Avviż Legali daħal fis-seħħ b'għaġġla kbira;

U billi jirriżulta li l-imsemmi Avviż Legali ser jitfa' piżijiet u obbligi finanzjarji ġodda fuq in-negozji kif stqarrew diversi drabi l-korpi kostitwiti li jirrappreżentawhom;

U billi bħala konsegwenza ta' dan kollu diversi korpi kostitwiti talbu t-tħassir immedjat tal-imsemmi Avviż Legali 103 tal-2016 u appellaw lill-Gvern biex jagħmel proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa;

U billi l-istess Avviż Legali joħnoq id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u jxekkel serjament il-ħidma li jwettqu l-partiti politiċi u organizzazzjonijiet volontarji mwaqqfa f'pajjiżna fosthom dawk imwaqqfa għal skopijiet ta' xorta filantropika, kulturali, sportiva, edukattiva, reliġjuża, soċjali jew ċivika jew b'appoġġ ta' kawżi oħra meritevoli;

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, il-Kamra tar-Rappreżentanti tirriżolvi li tħassar, tirrevoka u tannulla l-Avviż Legali 103 tal-2016 li daħħal fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2016 dwar *Billboards* u Reklami.

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta Nru 407 tal-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2016.**